Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9424 — NVIDIA/Mellanox)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 398/05)

1. Fl-14 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NVIDIA Corporation ("NVIDIA", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Mellanox technologies, Ltd ("Mellanox", l-Iżrael).

NVIDIA daħlet f'għaqda sħiħa ma' Mellanox fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NVIDIA: provvista ta' pjattaformi ta' computing viżiv u computing aċċellerat ibbażat fuq unità tal-ipproċessar tal-grafika (graphics processing unit, "GPU") għall-applikazzjonijiet tal-logħob tal-azzard, tal-viżwalizzazzjoni professjonali, datacentres u tal-karozzi,

— Mellanox: il-provvista ta' prodotti u soluzzjonijiet ta' interkonnessjoni tan-networks li jiffaċilitaw it-trażmissjoni effiċjenti tad-*data* fid-datacentres, ibbażata fuq is-soluzzjonijiet ta' interkonnessjoni tan-networks bl-Ethernet u l-InfiniBand.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9424 — NVIDIA/Mellanox

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").